# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 24 ta' Novembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jessica Bezzina)**
**vs**
**Ciro Massimo Savarese**

**Kumpilazzjoni Numru: 8/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Ciro Massimo Savarese, ta' 48 sena, imwieled Turin, l-Italja nhar is-17 ta' Marzu 1972, iben Luigi u Antonietta nee' Esposito, residenti fil-fond 70, Triq Sant'Anna, Marsaskala u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 214768A.

Akkuzat talli fix-xahar ta' Settembru 2020 f'dawn il-gzejjer approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikata cioe l-ammont ta' €4100 fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-fedina penali netta tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-parte leza llum hija mhallsa u m'ghadx ghandha interess f'dawn il-proceduri. Ghal kull bon fini jigi rilevat li l-artikolu 337(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghall-kaz odjern stante li l-imputat hallas dak minnu dovut ferm wara li nbdew il-proceduri fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija li b'applikazzjon ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghal perjosu ta' tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**